**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Helga Debono**
**V**

**PHILIP CORTIS**

**Illum 4 t' April, 2002**

**Il-Qorti,**

Rat lil imputat **PHILIP CORTIS** ta' erbgha w ghoxrin sena bin Rosario u Maryanne nee Caruana, imwieled Pieta nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru, 1976 u residenti 20, Campis Street, Zebbug, Malta, detentur tal-karta tal-identita numru 39777M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Dicembru tas-sena 2001 u fiz-zmien ta' wara fil-fond Micro Technology fi Triq l-Isqof Caruana, Zebbug b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh

jew zamm ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc merkanzija, marka, sinjali jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe` software tal-computers.

In oltre fit-tieni lok bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, mmanifattura, ddupplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex tqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe` software tal-computers bi ksur tal-jeddijiet li johorgu bi drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe` Microsoft Operations u socjetajiet ohra li taghhom socjeta` Mamo TCV Advocates rapprezentata minn Dottor David Tonna hija rapprezentanti, protetti bil jew taht il-ligi ta' Malta.

Il-Qorti rat l-artiklu tal-Ligi partikolarment l-artikoli 298(1)(f), 298b(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed u ghoxrin ta' Frar tas-sena 2002 esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala dokument CSH 2 a fol 7 tal-atti processwali.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fil-verbal tal-Qorti nhar l-erbgha (4) t'April tas-sena 2002 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati tal-akkuzi kif adebitati lilu.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b' mod partikolari l-istqarrija maghmula mill-Ufficjal Prosekutur illi l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjonijiet taghha u dan sa mill-bidu net kif sahansitra anke jirrizulta mill-istqarrija rilaxxata mill-istess imputat, liema stqarrija tinsab inserita fl-atti processwali odjerni.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat liema fedina penali tinsab inserita a fol 5 tal-atti mmarkata bhala dokument CSH 5 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat ghandu biss reat wiehed registrat fuqha li gie kommess fl-1998 rigwardanti ksur tal-artikolu tal-ligi naxxenti mill-Ordinanza dwar it-Traffiku.

**Ghaldaqstant fic-cirkostanzi il-Qorti thoss illi l-piena idonea hija dik ta' multa u ghaldaqstant wara li tiddikjara li qed issib lil imputat PHILIP CORTIS hati tal-akkuzi kollha adebitati lilu, qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira u bl-applikazzjoni tal-artiklu 14(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi din il-multa tigi mhallsa b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt lira bl-ewwel pagament huwa dovut sa mhux iktar tard mill-hmistax (15) t'April tas-sena 2002.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 21 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-oggetti materjali esebiti formalment f'dawn l-atti jigu kollha kkonfiskati a favur tal-Gvern ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**